VERŻJONI ELETTRONIKA

A.L. 68 tal-2014

ATT DWAR L-AMMINISTRAZZJONI PUBBLIKA (KAP. 497)

Ordni tal-2014 dwar it-Twaqqif bħala Aġenzija taċ-Ċentru Nazzjonali għal *Aerospace*

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 36 tal-Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika, il-Prim Ministru għamel dan l-Ordni li ġej:-

Titolu.

1. It-titolu ta' dan l-ordni hu l-Ordni tal-2014 dwar it-Twaqqif bħala Aġenzija taċ-Ċentru Nazzjonali għal *Aerospace*.

Tifsir.

2. F'dan l-Ordni, sakemm ir-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra -

Kap. 497.

"l-Att" tfisser l-Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika;

"iċ-Ċentru" tfisser iċ-Ċentru Nazzjonali għal *Aerospace*;

"Ftehim dwar il-Ħidma tal-Aġenzija" tfisser il-Ftehim kif previst fl-artikolu 8;

"industrija tal-*aerospace*" tinkludi l-industrija tal-avjazzjoni, tal-aeronawtika u tal-ispazju;

"Ministru" tfisser il-Ministru responsabbli għall-avjazzjoni;

"operatur lokali" tfisser kull persuna li għandha interess kummerċjali, negozju jew sehem li għandu x'jaqsam mal-industrija tal-avjazzjoni, liema interess, negozju jew sehem hu prinċipalment imwettaq f'Malta;

"Segretarju Permanenti" tfisser is-Segretarju Permanenti fil-Ministeru responsabbli għall-avjazzjoni.

Twaqqif taċ-Ċentru Nazzjonali għal *Aerospace*.

3. (1) Qegħda b'dan tiġi mwaqqfa Aġenzija, li għandha tkun magħrufa bħala ċ-Ċentru Nazzjonali għal *Aerospace*, li għandha tkun responsabbli għal żvilupp, riċerka, titjib u innovazzjoni fl-industrija tal-avjazzjoni u politika relatata, li tinkludi t-tnidija u l-immaniġġjar ta' programmi u proġetti relevanti.

(2) Iċ-Ċentru għandu jkun korp li jkollu personalità ġuridika separata u distinta u jkun kapaċi li jagħmel kuntratti, li jimpjega persunal, li jakkwista, iżomm u jiddisponi minn kull xorta ta'

VERŻJONI ELETTRONIKA

proprjetà għall-għanijiet tal-operat tiegħu, u li jħarrek u li jiġi mħarrek.

(3) Uffiċjali pubbliċi assenjati maċ-Ċentru għandhom jitqiesu li jkunu hekk assenjati maċ-Ċentru skont l-artikolu 43 tal-Att.

Funzjonijiet u dmirijiet taċ-Ċentru.

4. (1) Iċ-Ċentru għandu jkollu l-funzjonijiet li ġejjin:

(a) li jwettaq u jikkoordina riċerka fl-iżviluppi u innovazzjonijiet teknoloġiċi fl-industrija tal-avjazzjoni u attivitajiet relatati li jinkludu li tiġi vvalutata s-sitwazzjoni attwali tal-industrija tal-avjazzjoni u politika relatata;

(b) li jappoġġa u jassisti f'inizjattivi, kemm pubbliċi kemm privati, fl-industrija tal-avjazzjoni;

(ċ) li jipparteċipa, u meta jkun meħtieġ imexxi, inizjattivi pubbliċi-privati immirati lejn it-titjib tal-industrija tal-avjazzjoni;

(d) li jappoġġa u jagħmel programmi ta' taħriġ u taħriġ mill-ġdid, li jinkludu iżda mhux limitati għall-għoti ta' tagħlim u korsijiet, bil-għan li jiffaċilita u jtejjeb l-iżvilupp tal-industrija tal-avjazzjoni;

(e) li jipparteċipa fi u jibbenefika mill-programmi tal-Unjoni Ewropea u programmi internazzjonali relatati mal-industrija tal-avjazzjoni;

(f) li jippromwovi u jiffaċilita investiment, kemm lokali kif ukoll barrani fl-industrija nazzjonali tal-avjazzjoni; u

(g) li jagħti konsulenza dwar ħwejjeġ li għandhom x'jaqsmu mal-industrija tal-*aerospace* lill-Gvern, lill-aġenziji tiegħu u lill-operaturi lokali.

(2) Iċ-Ċentru għandu jkollu d-dmirijiet li ġejjin:

(a) li jiżviluppa kull infrastruttura li ġiet mgħoddija jew assenjata lilu mill-Gvern sabiex iwettaq il-funzjonijiet u d-dmirijiet tiegħu assenjati hawnhekk;

(b) li jassisti l-Gvern fl-iżvilupp ta' politika nazzjonali għal *aerospace*;

(ċ) li jirrappreżenta, skont l-istruzzjonijiet mogħtija, lill-Gvern fuq materji relatati mal-industrija tal-avjazzjoni;

VERŻJONI ELETTRONIKA

(d) li jikkollabora ma' u jiżgura l-koordinazzjoni bejn id-dipartimenti tal-Gvern u aġenziji oħra fl-implimentazzjoni ta' politika dwar l-*aerospace* u miżuri jew inizjattivi proposti mill-Gvern jew miċ-Ċentru minn żmien għal żmien; u

(e) li jassisti lill-Gvern f'kull attività relatata oħra kif ordnat mill-Ministru minn żmien għal żmien.

Ministru responsabbli għaċ-Ċentru.

5. (1) Il-Ministru responsabbli għaċ-Ċentru għandu jkun il-Ministru responsabbli għall-avjazzjoni.

(2) Is-Segretarju Permanenti fil-Ministeru responsabbli għall-avjazzjoni għandu jissorvelja ċ-Ċentru skont it-termini tal-artikolu 39 tal-Att.

Iċ-Ċentru jkun suġġett għall-Att.

6. Iċ-Ċentru għandu jkun suġġett għad-dispożizzjonijiet tat-Titolu 2 tat-Taqsima III tal-Att u għandu jkun regolat b'dawk id-dispożizzjonijiet.

Arranġamenti finanzjarji. Kap. 174.

7. Iċ-Ċentru għandu jkun regolat bid-dispożizzjonijiet tal-Att dwar l-Amministrazzjoni Finanzjarja u l-Verifika kemm-il darba ma jkunx speċifikat xort'oħra fil-Ftehim dwar il-Ħidma tal-Aġenzija bejn is-Segretarju Permanenti u ċ-Ċentru, f'liema każ id-dispożizzjonijiet tal-Ftehim dwar il-Ħidma tal-Aġenzija għandhom jipprevalu.

Ftehim dwar il-Ħidma tal-Aġenzija.

8. L-operat taċ-Ċentru għandu jitwettaq skont Ftehim dwar il-Ħidma tal-Aġenzija li għandu jiġi miftiehem bejn is-Segretarju Permanenti u ċ-Ċentru.

Kap taċ-Ċentru.

9. (1) Iċ-Ċentru għandu jkun immexxi minn Uffiċjal Ewlieni Eżekuttiv li għandu jwettaq il-funzjonijiet u d-dmirijiet kollha tal-Uffiċjal Eżekuttiv Ewlieni taċ-Ċentru kif stipulat fl-Att.

(2) Il-Ministru għandu jaħtar l-Uffiċjal Eżekuttiv Ewlieni li għandu jkun persuna li jkollha fil-pussess tagħha l-kwalifiki u l-esperjenza meħtieġa. Dik il-ħatra għandha tkun għal perjodu ta' tlett snin li jista' jkun estiż għal perjodi ulterjuri ta' tlett snin kull wieħed.

(3) Ir-rappreżentanza legali u ġuridika taċ-Ċentru għandha tkun vestita fl-Uffiċjal Eżekuttiv Ewlieni jew f'dak l-uffiċjal taċ-Ċentru li l-Ministru responsabbli jista' minn żmien għal żmien jaħtar b'avviż fil-Gazzetta.

Bord Konsultattiv.

10. (1) Il-Ministru responsabbli għaċ-Ċentru jista' jwaqqaf Bord Konsultattiv sabiex jassisti lill-Uffiċjal Eżekuttiv Prinċipali fit-twettiq tad-dmirijiet tiegħu.

(2) Bord Konsultattiv imwaqqaf skont dan l-artikolu għandu jkun jikkonsisti minn mhux inqas minn żewġ membri u mhux iktar

VERŻJONI ELETTRONIKA

minn erba' membri li jinħatru mill-Ministru responsabbli għaċ-Ċentru.

(3) Ir-rimunerazzjoni mħallsa lill-membri tal-Bord Konsultattiv taċ-Ċentru għandha tkun skont kull direttiva u linji gwida li jistgħu jinħarġu miċ-Ċentru minn żmien għal żmien.

Jemenda r-Raba' Skeda li tinsab mal-Att.

11. Fir-Raba' Skeda li tinsab mal-Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika, minnufih wara l-aġenzija bit-titolu "Aġenzija Żgħazagħ" għandha tiżdied din l-aġenzija ġdida li ġejja:

Aġenzija	Funzjoni tal-Aġenzija
"Ċentru Nazzjonali għal *Aerospace*	Sabiex jiżviluppa, jagħmel riċerki dwar, u jtejjeb l-industrija tal-avjazzjoni u politika relatata, li tinkludi t-tnidija u l-immanġiġjar ta' programmi u proġetti relevanti.".